MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2002

Numru 466/2001

Il-Pulizija,

(Spettur Mario Bonnici)

vs

Anthony Spiteri.

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Anthony Spiteri ta’ 58 sena bin il-mejjet Anthony u l-mejta Antonia nee’ Pace imwieled il-Belt, Valletta, u residenti gewwa Block G, Flat 8, Triq Jane Howell, Ta’ Giorni, limiti San Giljan, ta’ karta ta’ identita numru 209243(m), akkuzat talli:

(a) nhar l-14 ta’ Gunju 2001 ghal habta tas-2.30pm gewwa l-bini tal-kumpanija “Continental Cars” sitwat gewaa Triq Testaferrata, l-Imsida, hebb ghall-persuna ta’ Ivan Parnis u ikkagunalu griehi ta’ natura gravi skond certifikat

mahrug mit-tabib Dr Klaus Vella Bardon M.D ta' 280 High Street Balzan;

(b) fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi gewwa l-Imsida, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

(c) fl-istess jum, hin u cirkostanzi kellem fahxi u qal diversi kliem iehor li jammonta f'dagha u kliem hazin.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament, mhux opposta mill-imputat;
Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-udejenza tal-lum;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta volontarjament u inkondizzjonatament l-akkuzi kontrih dedotti li fihom hemm kompriza l-akkuza li kkaguna griehi ta' natura gravi lil Ivan Parnis. Mill-atti jirrisulta li l-griehi li sofra dan ta' l-ahhar, konsistenti f'daqqa li garrab f'sinna, giet klassifikabbli bhala gravi ghaliex probabbli. Hi x'inhi il-pozizzjoni dak li rrisulta fic-cert hu li l-imputat u l-kwerelant ittransigew il-pendenzi bejnithom.

Illi fuq dawn il-fatti u stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat f'dan l-istadju tal-proceduri l-qorti hi tal-fehma li piena ta' prigunerija tkun sproporzjonata.

Ghalhekk u fil-waqt li issib l-imputat hati tal-akkuzi u wara li rat l-Artikolu 216(1)(2), 338(dd) u 342 tal-Kap 9 tiddecidi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f'perjodu ta' sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 9 tal-Kap 152.

A.M.Trigona
Magistrat

---------------------------------TMIEM---------------------------------